# PASS WARA L-IEĦOR

*Ta'* EMANUEL AGIUS

Forsi taħt dik il-blata hekk tqila
Hemm il-ġawhar u d-deheb lest għalina,
Dawk li x-xorti wisq drabi weġħditna,
Biex wisq drabi imbagħad daħket bina.

Forsi wara liwja oħra fix-xtajta
Is-sireni qed igħannu sabiħ,
Forsi hemm il-ġmiel mingħajr nikta
Li s'issa aħna għadna qatt ma sibnieh.

Forsi wara dik l-għolja hekk wieqfa
Hemm il-ġenna li aħna fittxejna,
Dik li meta ersaqna aħna lejha
Bħal miraġġ dejjem ħarbet minn ħdejna.

Forsi l-għodwa li għada iżżernaq
Iġġebilna is-setgħa mixtieqa
Biex id-dinja kif ħlomna nġibuha.
U ħolmitna ma tibqax biss ħlieqa.

Nibqgħu mexjin, u, pass wara l-ieħor,
Fl-aħħar żgur illi nsibu ruħna hemm
Fejn kull xewqa jew tiġi maqtugħa
Jew għal dejjem ta' dejjem tintemm.